**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 28 ta' Gunju, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Supretendent Johann J Fenech)**

**vs**

**Omissis**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' omissis detentur tal-karta tal-Identita numru 50287M u akkuzat talli fix-xhur ta' Mejju u Gunju 2014 fiz-Zurrieq, b' diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. B' eghmil zieni, ikkorrompa persuna taht l-eta, u cioe lil omissis ta' tnax -il sena;
2. Wettaq attentat vjolenti ghal-pudur tal-istess omissis;

3. B' xi mezz iehor barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1), eccita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta' omissis;
4. Ippartecipa f' attivitajiet sesswali ma' persuni ta' taht l-eta u cioe omissis.

Akkuzat ukoll talli bejn Dicembru 2014 u Marzu 2015 f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

5. Gab ruhu b' mod li ta fastidju lil omissis, u b' mod li kien jaf jew kien missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal dik il-persuna;
6. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat, jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew persuna ohra, jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikoli 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mort tal-kawza, kif ukoll f' kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba tapplika l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta ta' omissis, kemm fil-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija, ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

F' kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba li b' zieda ma' kull piena li jidrilha xierqa, tordna ukoll li l-hati jigi ghal xi zmien jew ghal kull zmien prevenut milli jezercita l-attivitajiet tieghu li jkollhom x' jaqsmu mas-supervizjoni tat-tfal.

Fl-ahhar nett, il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-6 t' April, 2017 (esebita a fol. 326 tal-process fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-artikoli 18, 31, 197(4), 203(1)(c), (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18, 31, 202(b), (h) (vii), (j), (k), (m), 207, 208AC (2)(a)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18, 197(4), 203(1)(c), (2), 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18, 31, 202(b), (h)(vii), 204C(1), 208B(1), (2), (2A), 208AC (1)(a), (b), (d), (e), (g), (2)(a), (c), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18, 31, 251A (1)(a)(b), (2), (4), 202(h) (vii), 222 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 49(a), (b), (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 20, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikolu 412(C), 383, 384, 385 u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-20 ta' Gunju, 2017 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi u rat id-dokumenti kollha esebiti.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti speci ta' dan il-kaz jikkoncernaw zewg rapporti maghmula lill-Pulizija minn omissis lill-Pulizija Ezekutiva rigward allegat abbuz sesswali fuq bintha minuri omissis. L-ewwel rapport sar fit-13 ta' Marzu 2015 minn omissis, omm il-minuri omissis, flimkien mal-imputat u martu fl-Ghassa taz-Zurrieq fejn gie rrapurtat (a fol 43 sa 46 tal-atti processwali) li l-minuri omissis bdiet tircievi messaggi mhux xierqa fuq il-Facebook taghha mill-Facebook tal-imputat bejn it-23 ta' Dicembru 2014 u t-13 ta' Marzu 2015. Fir-rapport l-imputat stqarr li l-messaggi ma kienx baghthom hu u li x' aktarx il-Facebook tieghu kien gie hacked. Kopja tal-messaggi giet provduta mill-minuri lill-Pulizija l-ghada. Mistoqsija mill-Pulizija jekk qatt ratx azzjoni hazina da parti tal-imputat il-minuri kienet wiegbet fin-negattiv. Fil-21 ta' April 2015 sar it-tieni rapport minn omissis u l-minuri fejn rrapurtaw fl-Ghassa taz-Zurrieq (a fol 37 sa 39 tal-atti processwali)

hames incidenti ta' abbuz sesswali mill-imputat fuq il-minuri li sehhew fuq medda ta' zmien bejn Mejju 2014 u l-ahhar ta' Gunju 2014. L-imputat kien ir-ragel ta' omissis, iz-zija tal-minuri, izda nbdew proceduri ta' separazzjoni wara li saru r-rapporti li jiffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna.

Illi l-minuri elenkat u tat id-dettalji dawn l-allegati hames incidenti ta' abbuz sesswali meta xehdet f'din il-kawza bil-procedura tal-videoconferencing (a fol 192 sa 250 tal-atti processwali):-

1. L-ewwel incident allegatament sehh meta l-minuri kienet tinsab id-dar tal-imputat u martu. Hija tghid li ommha ma setghatx tmur ghaliha sabiex tehodha d-dar u ghalhekk wassalha l-imputat. Dejjem skond il-minuri waqt li huma kienu fi triqthom lejn id-dar taghha, l-imputat staqsiha jekk thobbux u hi wegbitu li kienet thobbu ghaliex huwa z-ziju taghha u huwa mbaghad talabha taghtih bewsa. Omissis tirrakkonta li kif hija marret tbusu l-imputat dawwar rasu u biesha fuq xuftejha. Fil-kontro-ezami spjegat li l-imputat mar dawrilha wiccha u biesha;
2. Fit-tieni ncident omissis tghid li l-imputat, ibnu li dak iz-zmien kien ghadu tarbija, u hi kienu wahedhom fl-appartament tieghu waqt li martu marret kickboxing. Iben l-imputat beda jibki fil-highchair waqt li l-minuri kienet qed tiekol. L-imputat mar hdejn ibnu u refghu. Meta l-minuri marret hdejhom l-imputat biesha fuq xuftejha u wara marru ghand oht l-imputat li ghandha l-appartament sottostanti ghal dak tal-imputat;
3. It-tielet incident allegatament sehh meta l-minuri kienet qed tilghab bil-laptop fil-kcina fl-appartament tal-imputat waqt li martu u ibnu

kienu reqdin. Hija tghid li l-imputat ghajtilha sabiex ikellimha u biesha b'ilsienu, dahhal subghajh mal-parti privata taghha, qabdilha sidirha minn taht il-hwejjeg u poggha idejha fuq il-parti privata tieghu minn fuq il-boxer shorts. Il-minuri ssostni li matul il-hin li saru dawn l-atti l-imputat beda jmur jivverifika li martu kienet ghadha rieqda. Il-minuri allegat li kif l-imputat pogga jdejha fuq il-parti privata tieghu staqsiha jekk kinitx taf x'qed taghmel u hi wegbitu li kien messu jisthi jghidilha dawk l-affarijiet;

4. Il-minuri ssotni li kien hemm okkazzjoni sussegwenti fejn mart l-imputat kienet qed taqla l-hwejjeg fuq il-bejt. L-imputat prova jraqqad lil ibnu fil-kamra tas-sodda u l-minuri kienet fil-kcina. L-imputat talabha tmur hdejn ibnu sabiex taccerta ruhha li ma jaqax mis-sodda u dan sakemm huwa jmur igib xi haga. Dejjem skond il-minuri meta l-imputat mar lura fil-kamra, huwa tela fuq is-sodda li kienet fuqha l-minuri, dar fuqha u beda jrossha bil-parti tieghu u beda jbusha fuq xuftejha. F'dan il-hin iben l-imputat kien imqajjem u fuq l-istess sodda;
5. Fl-ahhar incident il-minuri tghid li kienet id-dar tal-imputat, huwa ghajtilha sabiex ikellimha u meta marret hdejh, biesha u nizlilha l-flokk strapless li kienet liebsa. Meta ndunat li kienet spiccat biss bil-bra qalet lill-imputat jekk kienx qed jaghmel bis-serjeta u hu ma wegibha xejn. Il-minuri kompliet tghid li sussegwentement hija marret tqajjem liz-zija taghha omissis sabiex din tehodha l-lezzjoni tal-pjanu u ghamlet ta' bir-ruhha li ma gara xejn tant li zijitha ma ndunat b'xejn.

Il-minuri sostniet li wara l-ahhar incident hija waqfet tmur ghand l-imputat u l-kuntatt mieghu inqata' hlief li kienu jiltaqghu f'okkazzjonijiet tal-familja

u nhar ta' Hadd meta kienu jmorru jieklu ghand in-nanna taghha. Hija tghid li mbaghad ghal habta ta' Novembru 2014 l-imputat beda jibaghtilha xi messaggi fuq il-mobile u sussegwentement fuq Facebook. Dawn il-messaggi wasslu sabiex isir ir-rapport tat-13 ta' Marzu 2015. Il-minuri xehdet li kienet taf li l-messaggi fuq Facebook kienu qeghdin jintbaghtu mill-imputat ghaliex f'messagg minnhom ghamel riferenza ghall-programm Xarabank li kienet qed tara u hu wegibha li semgha lill-martu tghid meta kienet qed titkellem mal-minuri. Ix-xhud iddikjarat li hi kellha relazzjoni maghquda hafna ma' zijitha u kienet aktar habiba milli zija tant li kienu anki johorgu flimkien u dan anki wara li sehhu u l-allegati incidenti ta' abbuz. Omissis ssostni li hija dejjem riedet tghid lil zijitha u l-familjari taghha x'kien ghamlilha l-imputat izda bdiet tibza u ghalhekk qalet lill-habiba taghha omissis, li kienet ghaddiet minn affarijiet simili, u qalet lill-ommha bil-messaggi li kienet irciviet minghand l-imputat. Gimgha wara li sar ir-rapport tal-messaggi, il-minuri tghid li qalet lill-ommh u lill-missierha dwar il-hames incidenti ta' alleagat abbuz sesswali. Il-minuri tghid li dawn l-incidenti holqulha tensjoni kbira u bdiet tbaghti minn ugiegh ta' ras u zaqq hekk kif iccertifikat (a fol 251 tal-atti processwali) minn Dr Alexandra Gauci[1].

Ikkunsidrat:-

Illi meta xehed PC 569 Salvatore Salamone huwa prezenta rapport redatt mic-Cybercrime Unit (a fol 78 sa 133 tal-atti processwali) inkluz kopja tal-messaggi ta' Facebook provduti mill-parte civile u ommha inkluz, it-talba ta' informazzjoni li saret lil Facebook, lista ta' IP addresses bejn l-1 ta'

[1] Ic-certifikat gie konfermat minn Dr Alexandra Gauci fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2016 (a fol 278 tal-atti processwali).

Jannar 2015 u s-17 ta' Marzu 2015 li l-Facebook account tal-imputat gie accedut minnhom inkluz dettalji tas-service providers tal-Vodafone Malta Limited, Melita plc u Go plc.

Fl-udjenza tal-14 ta' April 2016 gie appuntat bhala espert Dr Stephen Farrugia Sacco sabiex jirrelata dwar il-kontenut tal-telephone cellular Dok. JF. Dan l-inkarigu gie estiz fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2016 fejn gie mitlub jiddetermina l-awtenticita ta' Dok. AD 1 u AD 2 (a fol 259 u 260 tal-atti processwali). Ir-rapport jinsab esebit a fol 271 sa 277 tal-atti processwali. L-espert xehed (a fol 264 sa 270 tal-atti processwali) li dwar id-dokumenti AD.1 u AD. 2 ma seghtax jirrelata stante li jrid ikollu access ghal Facebook. Spjega li meta tinbidel il-password tal-Facebook tintbaghat email fuq l-email account assocjat mal-Facebook izda jekk il-Facebook account ikun gie hacked, min ikun ghamel il-hacking ikollu l-fakulta li jbiddel l-email address assocjat mal-Facebook u b'hekk l-email il-gdid abbinat mal-Facebook account.

Fl-udjenza tat-13 ta' April 2018 xehed omissis missier l-imputat li spjega (a fol 357 sa 372 tal-atti processwali) li meta sar jaf bil-kwistjoni ta' Facebook, ha l-mobile tal-imputat ghand IT expert certu omissis li kien jahdem mieghu. Dan ikkonfermalu li mart l-imputat kellha account mohbi abbinati mal-Facebook tal-imputat u kellha access ghall-Facebook tieghu x'hin trid u setghat ukoll tibghat messaggi minghajr ma l-imputat jinduna. Ix-xhud esebixxa korrispondenza li rcieva minghand omissis a fol 373 sa 381 tal-atti processwali. Sussegwentement ix-xhud informa lis-Cyber Crime Unit u lill-Ispettur Pulis fl-Ghassa taz-Zurrieq b'dak li kien sar jaf.

Hekk kif ikkonfermat ukoll mill-Ispettur Kevin Pulis fl-udjenza tat-2 ta' Lulju 2018 (a fol 384 sa 394 tal-atti processwali).

Illi l-imputat ghazel li jirilaxxa stqarrija fit-28 ta' April 2015 (a fol 30 sa 32 tal-atti processwali) fejn ikkonferma li huwa kien qed jissepara minn ma' martu wara li fi Frar 2015 kellhom xi inkwiet u f'Marzu kellhom xi jghidu minhabba l-allegazzjoni tal-messaggi ta' Facebook. L-imputat innega li baghat il-messaggi lill-minuri u nnega l-hames incidenti ta' allegat abbuz sesswali. L-imputat ghazel li jixhed fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2018 (a fol 338 sa 368 tal-atti processwali) fejn iddikjara li hu u martu hassru fit-13 ta' Marzu 2015 u bdew il-proceduri ta' separazzjoni f'April 2015. Dakinhar ircieva messagg minghand omissis u qaltlu li bintha omissis rceviet messagg pastaz mill-Facebook tieghu. L-imputat qal lil martu b'dak li kienet qaltlu omissis u filghaxija mar jaghmel rapport li l-messaggi ma ntbaghtux mill-Facebook tieghu. L-ghada l-imputat iggieled ma' martu u hassru dakinhar. Gimgha wara l-imputat prova jbiddel il-password tieghu ta' Facebook fuq suggeriment ta' Dr Matthew Bondin u nduna li xi hadd kien diga' biddel il-password tieghu. Ha screenshot u prezentah lill-Pulizija u ta' l-mobile tieghu lill-missieru li hadu ghand IT Technician. Il-Facebook kien jaccedih mill-laptop ta' martu u mill-mobile tieghu. Ix-xhud ghamel riferenza ghall-proceduri mibdija minn martu fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fejn sostniet li l-imputat abbuza minn binhom. F'dawk il-proceduri tqabdet il-Psikjatra Carmen Sammut li kkonfermat li ma kien hemm l-ebda abbuz u binhom kien qed jigi kundizzjunat minn mart l-imputat. Kopja fotostatika tal-atti civili giet prezentata a fol 395 sa 406 tal-atti processwali. L-imputat iddikjara li l-minuri giet imgghela minn zijitha taghmel dawn l-allegazzjonijiet bhalma gie mgieghel jaghmel l-istess allegazzjonijiet ibnu. Spjega li l-ghada li huwa gie rilaxxjat mill-

arrest il-minuri tghellat post fuq Facebook a fol 252 u 253 tal-atti processwali) li tghid “I am just a terribly good liar”.

Ikkunsidrat:-

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f’dan il-kaz jirrizulta li dina l-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet tal-fatti kompletament kunfliggenti fejn min-naha l-wahda l-minuri tallega li sar l-abbuz sesswali u fejn min-naha l-ohra l-imputat jinnega b’mod kategoriku dawn l-allegazzjonijiet.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. F’dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta’ Dicembru, 1997 fil-kawza Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta’ prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta’ prova li ma jhalli ebda ombra ta’ dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b’applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni ‘proof beyond a reasonable doubt.’

> "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."

Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (Qorti tal-Appell Kriminali-deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> "it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta, u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-

imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Ikkunsidrat:-

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti wara li fliet b'mod akkurat il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ghandha dubji serji dwar il-kredibilita' tal-minuri omissis u jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li din l-istorja giet krejata sabiex tintuza minn martu fil-proceduri ta' separazzjoni li hija ntavolat immedjatament malli saru r-rapporti de quo lill-Pulizija. Jinghad mal-ewwel li l-komportament tax-xhud omissis u l-mod kif hija rrakkuntat l-incidenti ta' allegat abbuz da parti tal-imputat mal-ewwel holqu dubji f'mohh il-Qorti dwar il-kredibilita' tax-xhud izda mbaghad kien hemm ukoll fatturi ohra li komplew isahhu dawn id-dubji. Qabel xejn seta jigi nnutat li meta sar l-ewwel rapport dwar il-messaggi ta' Facebook, fil-mument li l-minuri giet mistoqsija mill-Pulizija jekk qatt rat ghajn hazina da parti tal-imputat hija wiegbet fin-negattiv. Inoltre fir-rigward tal-hames incidenti ta' allegat abbuz il-minuri xehdet li hija baqghet tippersisti tmur ghand l-imputat nonostante l-agir tieghu ghaliex ma kinitx taf x'raguni kienet ser taghti lil zijitha sabiex ma tibqax tmur ghandhom u dan minkejja li l-minuri kellha gustifikazzjoni kredibbli cjoe li kien iz-zmien bejn Mejju u Gunju u cjoe fiz-zmien l-ezamijiet u l-istudju. Il-Qorti fliet b'reqqa wkoll id-deskrizzjoni moghtija mill-minuri dwar il-hames incidenti u b'mod partikolari fir-rigward tat-tielet incident fejn l-imputat allegatament pogga idejn il-minuri fuq il-parti genital tieghu u setghat tinnota li f'din ic-cirkostanza wiehed kien  jistenna li l-minuri ma tirrimarkax dwar il-lingwagg li uza l-imputat maghha fejn hija wegbitu –

"missek tisthi tghidli hekk" – pjuttost wiehed jistenna li kienet tghidlu li kien messu jisthi jaghmel dawk l-atti maghha u mhux tirrimarkalu dwar il-kliem li uza. Huwa wkoll inverosimili li f'din ic-cirkostanza l-imputat mar jivverifika li martu kienet rieqda kemm-il darba u l-minuri, li kienet irrimarkat dwar il-linwagg tal-imputat m'ghamlet xejn meta l-imputat irritorna u kompla bl-agir tieghu fuqha. L-istess jinghad fir-rigward tar-raba' ncident allegat mill-minuri fejn il-Qorti jidrilha li huwa difficilment proponibbli li l-imputat inkwieta li ibnu ma jaqax mis-sodda sakemm imur band ohra izda mbaghad jintefa' fuq is-sodda u fuq il-minuri, b'riskju akbar li ibnu jaqa'. In vista ta' dawn il-fatturi kollha din il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-verzjoni moghtija minn omissis m'ghandhiex mis-sewwa u ma tistghax titwemmen.

Fir-rigward tal-akkuzi relatati mal-messaggi fuq Facebook, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Neil Attard" deciza fit-3 ta' Dicembru 2018 fejn fid-dawl tal-Artikolu 559 li jesigi l-ahjar prova li l-parti tista' ggib, gie osservat:-

> Illi il-kaz tal-prosekuzzjoni hu ghal kollox msejjes fuq l-investigazzjoni w r-rizultanzi tal-pulizija, senjatament dik maghmula b'diligenza u professjonalita` mis-Cybercrime Unit, li otteniet informazzjoni kemm minn Facebook kif ukoll minn Melita plc. sabiex wasslet biex jigi identifikat bhala l-malvivent l-imputat f'qasir zmien. Madanakollu kemm ix-xhieda dwar, kif ukoll l-istess kontenut ta', irrapporti mmarkati Dok. MS1 u JS1 li fihom hemm inkluz linformazzjoni ottenuta minn Facebook jikkostitiwxxi biss hearsay u ghalhekk huma inammissibbli ai termini tal-artikolu 598

tal-Kodici t’Organizzazzjoni u Procedura Civili kif rez applikabbli bl-artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali.

…

Illi ghalkemm ittellghet tixhed rapprezentant tal-Melita sabiex tikkonferma informazzjoni mibghuta minn dan is-service provider, dik l-informazzjoni tirrigwarda IP address li Facebook nfurmaw lill-pulizija Maltija bih, li kif intqal tibqa prova inammissibli.

Illi fir-rigward tal-informazzjoni ottenuta minghand Facebook, sakemm rapprezentant taghha ma giex prodott jixhed in viva voce, sabiex dik l-informazzjoni setghet tkun ammissibli, kellha tintuza l-procedura prevista bl-artikolu 399 tal-Kodici Kriminali u cioe` li ssir talba lill-Qorti sabiex issiru provi permezz ta’ rogatorji, ossia request for legal assistance.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-Prosekuzzjoni naqset milli ttella jixhed rapprezentant ta’ Facebook ghaldaqstant tqis li ma gietx prodotta l-ahjar prova dwar il-messaggi mibghuta minn Facebook. Anki jekk ghall-grazzja tal-argument ingabet l-ahjar prova, ix-xhieda tal-espert Stephen Farrugia Sacco tqajjem dubji serji dwar minn min effettivament baghat il-messaggi lill-minuri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

Il-Qorti tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta' isem l-imputat, ta' isem il-minuri u tal-familjari taghhom fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur